FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

16 TA' NOVEMBRU 2016

Il-Pulizija

(Spett James Grech)

vs

Glen Borg u Godfrey Gambin

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mahruga kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 281675(m) u 243176(m) rispettivament, akkuzati li:

1. nhar it-03 ta' Dicembru 2014 f'xi hin filghodu, ikkommettew serq ta' dinghy, mutur outboard, grass cutter, ghodda u/jew oggetti ohra minn go garaxx sitwat gewwa Triq San Gilardu, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta'€2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Victor George Scerri u/jew ta' xi persuna/i entita' u/jew entitajiet ohra;
2. fl-istess zmien u cirkostanzi biddlu, rrangaw mill-gdid jew hassru marka ta' registrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur bin-numru ACA 798 jew xort'ohra baghbsu mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

lil Glen Borg wahdu akkuzat talli:

3. f'xi gurnata bejn it-30 ta' Settembru 2014 u it-23 ta' Novembru 2014 ikkommetta serq ta' ammont ta' xorb alkoholiku u/jew oggetti ohra minn go garaxx sitwat gewwa Triq San Gilardu, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Victor George Scerri u/jew ta' xi persuna/i entita' u/jew entitajiet ohra;
4. nhar it-30 ta' Dicembru 2014 ghal habta tas-1800hrs ikkommetta serq ta' ammont ta' xorb alkoholiku u/jew oggetti ohra minn go garaxx sitwat gewwa Triq Dun Anton Tabone, San Giljan, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-lok ghad-detriment ta' Daryl Delicata u/jew ta' xi persuna/i entita' u/jew entitajiet ohra;
5. b'hekk ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin, moghtija lilu nhar it-03 ta' Lulju 2012 mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr.C. Peralta LL.D;

6. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin moghtija lilu nhar il-15 ta' Dicembru 2011 mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D;

Il-Qorti mitluba titratta ma Glen Borg bhala recidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mbdula u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Titratta ma Godfrey Gambin bhala recidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fuq liema insistew anka meta l-Qorti taghtom zmien jirrikonsidraw;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibhom u tiddikjarahom hatja.

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 264, 265, 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 280, 281 tal-Kap 9, l-Artikolu 18 tal-Kap 9, l-Artikolu 28B tal-Kap 9, l-Artikoli 49, 50, 289, 533 tal-Kap 9, l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 44 (4)(6) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Tillibera lill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

Spjegat lill-imputati r-responsabilta' taghhom skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat